



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0128/2012 imressqa minn Prodan Statev ta' ċittadinanza Bulgara, dwar is-suq intern diġitali fl-Unjoni Ewropea

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta li m'għandux aċċess, f'pajjiżu, għax-xandiriet televiżivi u l-films popolari. Barra minn hekk, il-Bulgarija għandha reputazzjoni ħażina għall-piraterija. Il-Bulgarija m'għandha l-ebda servizz ta' video-on-demand. Skont il-petizzjonant, il-fornituri (pereżemju Apple u Netflix) iqisu l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tagħhom bħala diffiċli fis-suq Ewropew minħabba r-reġim tad-drittijiet tal-awtur frammentat fl-UE. Huwa jitlob suq diġitali uniformi, mingħajr drittijiet esklużivi u mingħajr ostakoli għad-distribuzzjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-5 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Il-petizzjonant jiddeplora n-nuqqas ta' servizzi legali ta' kontenut kreattiv onlajn, bħal servizzi ta' video-on-demand, fi swieq iżgħar tal-UE bħall-Bulgarija u jitlob Suq Diġitali Uniku veru, b'mod partikolari sabiex tiġi ttrattata l-problema ta' ksur ta' drittijiet tal-awtur onlajn.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Il-Kummissjoni hija tal-istess fehma tal-petizzjonant li l-aħjar mod kif jitrażżan il-fenomeni tal-ksur ta' drittijiet tal-awtur onlajn huwa li tiġi offruta varjetà wiesgħa ta' kontenut kreattiv

permezz ta' servizzi teknikament konvenjenti u liċenzjati legalment. Filfatt, iċ-ċifri riċenti mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Industrija Fonografika juru żieda fil-dawnlowsd legali tal-mużika madwar id-dinja bi 17% mill-2010 sal-2011 b'aktar minn 13.4 miljun utent irregiſtrat għal servizzi legali.

Il-kontenut kreattiv huwa protett mid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mogħtija taħt trattati internazzjonali, u notevolment, fir-rigward tas-servizzi onlajn, it-Trattat tad-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur u t-Trattat tad-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi. Fi ħdan l-UE, il-kontenut kreattiv jiġi protett taħt firxa ta' Direttivi tal-UE, inkluż, fir-rigward tas-servizzi onlajn, id-Direttiva 2001/29/KE (id-"Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Infommazzjoni").¹ Detenturi tad-drittijiet - bħal awturi, produtture tal-films u tad-diski - huma intitolati li jagħżlu l-ambitu territorjali tal-liċenzji għall-materjal li joħolqu.

Fl-2010, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa² biex tiġi promossa d-disponibbiltà tal-kontenut fl-Unjoni Ewropa. Fil-Komunikazzjoni tal-2011 dwar is-Suq Uniku għad-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali, il-Kummissjoni stabbiliet azzjonijiet "sabiex jitrawmu industrija kulturali u kreattivi vibranti li jippermettu miljuni ta' ċittadini jużaw u jaqsmu għarfien ippubblikat u divertiment b'mod faċli u legali madwar l-Unjoni, irrispettivament liema hu l-Istat Membru ta' residenza tagħhom"³. Dan jinkludi inizjattiva leġiżlattiva sabiex jiġi ssimplifikat il-liċenzjar ta' mużika fuq bażi multiterritorjali u biex tittejjeb is-sistema kollettiva tal-ġestjoni tad-drittijiet. Barra minn hekk, fl-2011 il-Kummissjoni Ewropea adottat Green Paper dwar it-tqassim tax-xogħlijiet awdjoviżivi onlajn li nediet dibattitu dwar kif jiġu promossi offerti transkonfinali ta' kontenut awdjoviziv⁴.

Konklużjoni

Dawn l-inizjattivi huma mmirati biex jgħinu liċ-ċittadini Ewropej isibu kontenut kreattiv disponibbli legalment onlajn tal-għażla tagħhom.

¹ Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-infommazzjoni (ĠU 2001 L 167, p. 10, rettifika f'ĠU 2002 L 6, p. 70; 'id-Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Infommazzjoni').

² http://ec.europa.eu/information_society/digital-agenda/index_en.htm.

³ http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/news/index_en.htm.

⁴ http://ec.europa.eu/avpolicy/other_actions/content_online/index_en.htm.